MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 22/2002/1

Angelo Attard .

vs

Mary Anne mart Angelo Attard minnu "de iure" separata, u Mary Attard li b'degriet tal-15 ta' april, giet nominata Kuratrici deputata sabeix tirrapprezenta lill-minuri Daniel, Jacob u Luke ahwa Attard .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur, wara li ppremetta illi :

Illi fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija u hamsa u disghin (1995) twieled minn Mary Anne Attard wild li nghata l-isem ta' "Daniel, Joseph u Nicholas" u l-att tat-twelid tieghu gie registrat fir-Registru Pubbliku bin-numru sitta u disghin (96) tas-sena elf disa' mija u sitta

u disghin (1996) u dan kif jirrizulta minn certifikat tat-twelid anness ma' din ic-citazzjoni bhala Dokument "A" ;

Illi fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u sebgha u disghin (1997) twieled mill-istess Mary Anne Attard wild iehor li nghata l-isem ta' "Jacob, Jeremy, Matthew" u l-att tat-twelid tieghu gie registrat fir-Registru Pubbliku bin numru erbghin (40) tas-sena elf disa' mija u sebgha u disghin (1997) u dan kif jirrizulta minn certifikat tat-twelid anness ma' din ic-citazzjoni bhala Dokument "B" ;

Illi fl-ghaxra (10) t'Awissu tas-sena elfejn (2000) twieled mill-istess konvenuta Mary Anne Attard il-wild "Luke, Terry Frank" u l-att tat-twelid tieghu gie registrat fir-Registru Pubbliku bin-numru mitejn u disgha u ghoxrin (229) tas-sena elfejn (2000) u dan kif jirrizulta minn certifikat tat-twelid anness ma' din ic-citazzjoni bhala dokument "C" ;

Illi fit-tlett atti ta' twelid hawn fuq imsemmija, l-omm l-konvenuta Mary Anne Attard iddikjarat illi l-ulied huma ulied l-attur, tant illi fl-ewwel kolonna, that l-intestatura "taghrif dwar missier it-tarbija", hemm indikat illi t-tlett trabi huma ulied l-attur Angelo Attard, bin Anthony Attard, imwieled Munxar, Ghawdex u joqghod Victoria, Ghawdex ;

Illi effettivament l-attur huwa r-ragel ta' omm l-ulied l-konvenuta Mary Anne Attard, izda hemm dubji kbar kemm huwa missierhom ;

Illi ricentament l-attur sar jaf li l-konvenuta Mary Anne Attard kellha relazzjoni ma' rgiel ohra u ghalhekk hemm il-possibilita kbira li fil-fatt huwa mhuwiex missier it-tlett itfal jew uhud minnhom .

Talab lill-konvenuta proprio et nomine tghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara illi l-attur mhux missier ta' "Daniel, Joseph Nicholas", "Jacob, Jeremy, Matthew" u "Luke, Terry, Frank" ahwa, li twieldu minn Mary Anne

Attard, fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija u hamsa u disghin (1995), fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u sebgha u disghin (1997) u fl-ghaxra (10) t'Awissu tas-sena elfejn (2000) rispettivament ;

2. Konsegwentament tordna l-korrezzjoni tat-tlett atti tat-twelid bin-numri numru sitta u disghin (96) tas-sena elf disa' mija u sitta u disghin (1996), numru erbghin (40) tas-sena elf disa' mija u sebgha u disghin (1997) u numru mitejn u disgha u ghoxrin (229) tas-sena elfejn (2000) rispettivament u dan fis-sens billi titnehha kull referenza illi hemm fl-istess atti tat-twelid li juru lill-attur bhala missier dawn it-tlett itfa hawn fuq imsemmija, u minflok jitnizzel li t-trabi huma wild ta' missier mhux maghruf jew ta' missier iehor skond ma jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-istess konvenuta ghas-subizzjoni u ghaliha minn issa hija ngunta .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur ikkonfermata bil-gurament tieghu .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta proprio et nomine li biha eccepiet illi:

1. Illi qabel xejn ghandu jigi notat illi l-esponenti ma hijiex separata minn ma zewgha – almenu certament mhix separata 'de jure' minnu kif erronjament indikat fic-citazzjoni .

2. Illi interament minghajr pregudizzju ghall-premess, anke jekk per ipotesi l-pretensjonijiet tal-attur setghu xi darba jigu kunsidrati bhala ammissibbli fil-fatt (haga illi hija kontestata mill-esponenti), ic-citazzjoni odjerna giet prezentata ferm wara d-dekors tal-perijodu ta' dekadenza ghall-prezentata ta' citazzjonijiet simili stabbilit fl-artikolu 73 tal-Kodici Civili . Infatti jirrizulta minn ittra spedita mill-avukat tal-attur f'isem l-attur fil-21 ta' Mejju 2001 illi almenu sa minn dakinhar l-attur kien jaf bl-

allegazzjoni illi qieghed jivvanta f'din il-kawza - kawza illi giet prezentata biss fil-21 ta' Marzu 2002 .

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, ma jirrizultawx fil-kaz odjern ebda wiehed mir-rekwiziti stabbiliti fl-artikolu 70 tal-Kodici Civili sabiex ragel ikun jista' jimpunja l-legittimita' ta' ulied il-mara tieghu kif jigi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza .

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuta minnha mahlufa .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi din hija kawza ta' l-hekk imsejjha *denegata paternita'* fejn l-attur qed jitlob dikjarazzjoni li huwa mhux il-missier ta' ulied il-konvenuta registrati fic-certifikati tat-twelid rispettivi fir-Registru Pubbliku ta' Ghawdex bhala uliedu, u konsegwentement il-korrezzjoni ta' dawn ic-Certifikati tat-Twelid .

Dwar kawza ta' dan it-tip gie spjegat mill-Qorti ta' l-Appell illi :
"*L-azzjoni ta' diskonoxximent jew ta'* ***denegata paternita'*** *… hi miftuha lir-ragel dikjarat fic-certifikat tat-twelid bhala li hu l-missier ta' tifel imwieled fiz-zwieg u dana fil-kazijiet tassattivament stabiliti fil-Kodici Civili biex ma jirrikonoxxix it-tarbija li tkun hekk giet koncepita matul iz-zwieg u biex tigi eskluza l-presunzjoni li dak il-wild kien frott tar-relazzjoni li kellu ma martu . Azzjoni intiza biex tigi attakkata l-presunzjoni* ***juris tantum*** *li* ***pater est quae iuste nuptiae demonstarnt .*** *Azzjoni li mhux necessarjament twassal ghad-dikjarazzjoni ta' min hu l-*

*missier naturali tat-tarbija imma li ghandha twassal ghad-dikjarazzjoni li r-ragel ta' l-omm mhux il-missier*."[1]

Imma ghas-success tal-kawza prezenti jezisti ostakolu ta' natura legali li gie anke indikat mill-konvenuta bhala eccezzjoni preliminari fin-nota ta' l-Eccezzjonijiet taghha . Infatti a tenur ta' l-artikolu 73 tal-Kodici Civili (Kap. 16) kawza bhal din ghac-chid ta' tifel ghandha ssir:

(a) fi zmien tliet xhur mit-twelid, jekk ir-ragel f'dak iz-zmien kien jinsab f''Malta ;

(b) fi zmien tliet xhur minn dak in-nhar li jigi lura f'Malta, jekk fiz-zmien tat-twelid hu kien nieqes minn Malta; u

(c) fi zmien tliet xhur minn dak in-nhar li jikxef il-qerq, jekk it-twelid kien gie lilu mohbi .

Hadd mill-kontendenti ma xehed f'din il-kawza u lanqas ingiebu ebda provi ghajr rizultati ta' testijiet xjentifici permezz tas-sistema tad-DNA . Huwa prezunt ghalhekk illi l-attur kien f'dawn il-gzejjer meta twieldu t-tliet it-tfal ndikati fic-citazzjoni . Lanqas ghalhekk ma gie ppruvat illi xi wiehed jew aktar minn dawn it-twelidiet gew mohbija lilu . Anzi jekk xejn iktar l-ittra mibghuta permezz tal-legali tieghu lid-difensur tal-konvenuta fil-21 ta' Mejju 2001,[2] tindika illi l-attur ta' l-inqas min dik id-data kien gia jissuspetta illi xi hadd mit-tfal ma kienx minn tieghu . Madankollu huwa, ghal xi raguni jew ohra, ghazel li jintavola l-kawza prezenti fil-21 ta' Marzu 2002[3], kwazi sena u disa' xhur wara t-twelid ta' l-ahhar wild tal-konvenuta . Il-perijodu stabilit mil-ligi huwa wiehed perentorju li ma jistghax jigi njorat jew imgebbed . Dan sar naturalment fl-interess ta' l-ulied u n-nuqqas ta' ncertezza dwar l-istat civili taghhom . Kif gie konfermat kemm il-darba fil-gurisprudenza lokali : "*Ma hemmx dubbju li t-terminu preskritt fl-artikolu 73 tal-Kodici Civili*

---

[1] Paul Bugeja vs George Portelli : 28.2.1997 kollez vol. LXXXI pt. II pag. 374 .
[2] Dok. A a fol. 19 tal-process .
[3] ara data tal-presentata tac-citazzjoni odjerna .

*ghall-istituzzjoni ta' proceduri ghal denegata paternita' huwa tassattiv u taht ebda cirkostanza ma jista' jigi estiz*." [4]

Ghaldaqstant billi l-kawza ma gietx intavolata fiz-zmien stipulat mill-ligi, t-talbiet ta' l-attur ma jistghux jirnexxu .

Ghal dawn il-motivi, tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenuta li l-kawza prezenti giet ipprezentata ferm wara d-dekors tal-perijodu ta' dekadenza ghall-prezentata ta' citazzjoni simili kif stabilit fl-artiklu 73 tal-Kodici Civili, u konsegwentement tichad it-talbiet attrici .

Bl-ispejjez kontra l-attur .
S2202Pc

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[4] Qorti ta' Prim Istanza fil-kawza hawn fuq citata, a fol . 370 .